# NEWS & VIEWS

Down Syndrome Association Malta

December 2007

ISSUE NO. 34

Newspaper Post



# The Association

The Association promotes the interests, developments and inclusion in society of persons with Down Syndrome.

## SERVICES:

- Parental Support
- Speech Therapy (by appointment)
- Keep Fit, weekly
- Mass and Tombola, First Friday of month
- Social activities: three times yearly
- Talks and fora
- Christmas Party and Disco
- Book, audiotapes and video library
- "News & Views" magazine: yearly
- Members Newsletter

## MEMBERSHIP:

Full members:
Annual: Lm1 Life: Lm10

Associate members:
Annual: Lm2 Life: Lm15

## EDITORIAL CONTRIBUTIONS:

Esperjenzi, artikli u ittri mill-qarrejja għal dan il-magażin huma dejjem milqugħa.

Experiences, articles and letters from our readers to this magazine are always welcome.

Editor's e-mail:
alistercachia@hotmail.com
tel: 21632205

45, South Street,
Valletta VLT 11, Malta
Tel: 2123 5158
http://www.dsa.org.mt
e-mail: info@dsa.org.mt

Founded 1981

Member of the
Federazzjoni Maltija ta' l-Organizzazzjonijiet Persuni b'Dizabilita (F.M.O.P.D.)

Associate Member of

PATRON
H.E. The President of Malta

HON. PRESIDENTS
Mary Runza
John L. Peel

CHAIRPERSON
Marthese Mugliette

SECRETARY GENERAL
Antoine L. Gauci

TREASURER
Anthony Wetz

MEMBERS
Pio Fenech, Helen Mifsud,
Antoinette Peel, Patrick Umanah,
Charles Vassallo, Evelyn Vella,
Joe Borg Bonello
(rep. of the A/Members)

CHIEF ADVISOR
Prof. Alfred Cuschieri

LEGAL ADVISOR
Dr. Robert Tufigno

SPIRITUAL DIRECTOR:
Rev. Fr. Emmanuel Borg Bonello

# Indirizz miċ-Chairperson

Għeżież membri u ħbieb,

Għaddiet sena oħra ta' ħidma – ħidma li fissret ħafna għalina l-Kumitat u nittama li anke għalikom membri sħabna u familji oħra.

Il-ħsieb tal-Kumitat biex insebbħu l-ambjent taċ-Ċentru tagħna ħdimna fuqu u bi pjaċir kbir nixtieq ninfurmakom li llum fil-*premises* tagħna għandna kċina sabiħa attrezzata kif jixraq kif ukoll *shower* u *spare toilet* għall-kumdità ta' kulħadd. Dan it-tibdil ma setax ikun possibbli kieku mhux għall-ġenerożità tal-kumpanija Krea (Malta) Ltd., li tatna l-kċina kompluta bil-*cooker* u l-*cooker hood* u wkoll poġġewwielna fuq il-post mingħajr ħlas, kif ukoll tal-kumpanija Satariano li offrewlna s-settijiet tax-*shower* u ta' l-*ispare toilet* b'xejn. Kellna wkoll l-għajnuna ta' diversi persuni li taw il-kontribut tagħhom f'dak li kien twaħħil tas-settijiet, madum, tindif eċċ. Dawn kollha għamlu differenza – differenza għal tibdil għall-aħjar taċ-Ċentru tagħna. Għan-nom ta' l-Assoċjazzjoni grazzi lil kull min b'xi mod jew ieħor ta l-għajnuna tiegħu biex irnexxielna nsebbħu l-ambjent taċ-Ċentru tagħna.

Mira oħra li kellu, u għad għandu, il-Kumitat kienet li naħdmu fuq *issues* li jolqtu direttament lil uliedna. Naħseb li l-maġġoranza tagħkom innotajtu li matul din is-sena l-Assoċjazzjoni tagħna ħadmet u sikwit tkellmet dwar l-edukazzjoni ta' wliedna wara li dawn jispiċċaw il-Form 5. L-Assoċjazzjoni għamlet il-pass li setgħet – bil-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni Eden inbeda l-programm REACH li huwa programm li jipprepara lil uliedna biex jiġu mħarrġa għad-dinja tax-xogħol. Minbarra li ser inkomplu naħdmu biex it-tagħlim kontinwu wara l-Form 5 ikun jista' jibbenefika minnu kull żagħżugħ/a li għandu/ha d-*Down syndrome*, ser ukoll niffokaw fuq l-impjieg għal uliedna.



Ċerta li lkoll kemm aħna nappoġġjaw din il-ħidma tal-Kumitat. Kif tafu lkoll, il-Kumitat jaħdem għan-nom tagħna lkoll fuq bażi volontarja. Intom ħbieb, kemm membri kif ukoll mhux membri, tistgħu tgħinuna fil-ħidma tagħna u dan billi tappoġġjawna. Nitlob lilkom membri biex tieħdu sehem u tattendu bi ħġarkom fl-attivitajiet li nagħmlu u lilkom mhux membri nitlobkom issiru membri biex b'hekk il-vuċi ta' l-Assoċjazzjoni tkun aktar qawwija għall-benefiċċju ta' wliedna.

Nagħlaq billi nirringrazzjakom għall-appoġġ u s-sapport siewi tagħkom, liema appoġġ konvinta li sejrin issaħħu. Ejjew lkoll flimkien inkomplu ntejbu l-ħajja ta' wliedna. Nixtieq ukoll nistedinkom tiġu fiċ-Ċentru tagħna lkoll, anke fuq bażi ndividwali biex flimkien nitkellmu dwar kif l-Għaqda tista' tkun ta' għajnuna diretta għall-każ tagħkom partikolari.

Għan-nom tal-Kumitat kollu nixtieqilkom il-Milied it-tajjeb u sena mimlija riżq u hena.




NEWS&VIEWS
is a bilingual Publication:
mouthpiece of the Down Syndrome Association Malta. It is issued twice yearly and is distributed free.

Pubblikazzjoni bil-Malti u bl-Ingliż, maħruġa mill-Għaqda Down Syndrome Malta, darbtejn fis-sena u mqassma b'xejn.

EDITORIAL BOARD
Editor: Alister Cachia
Marthese Mugliette
John L. Peel
Patrick Umanah

Views expressed in this magazine may not necessarily be those held by the Editor or by the Down Syndrome Association.

L-artikli u l-veduti miġjuba f'dan il-magażin mhux bilfors juru l-opinjoni ta' l-Editur jew tal-Għaqda Down Syndrome.

REPRINT PERMISSION
The Down Syndrome Association (Malta) gives permission to reprint original material printed here. Please credit thus: "Reprinted from 'News & Views', DSA, Malta. Permission to reprint other material must be solicited from the original source.

FRONT COVER
Maria Mifsud

PRINTING
Bestprint Co. Ltd. Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789

# Contents

| | |
|---|---|
| The Association | page 2 |
| Chairman's Message | page 3 |
| Editorial | page 5 |
| Obesity | page 6 |
| Massage from the Bishop | page 7 |
| Thanks | page 8 |
| Int Rigal! | page 9 |
| Euro Changeover | page 10 |
| Mill-Kalendarju ta' l-Assoċjazzjoni | page 12 |
| The Importance of Imitating your Child's Sound | page 14 |
| Paper – The current situation of the Education of the persons who have Down Syndrome in Malta | page 16 |
| Secretary's Administrative AGM Report | page 19 |

**Down Syndrome Association**
45, South Street, Valletta VLT 11, Malta
Tel: 21235158
http://www.dsa.org.mt



# Editorjal

Għeżież ħbieb,

Dan il-magazine ser jasal fi djarkhom fi żminijiet sbieħ. Żmien li kulħadd jawgura l-isbaħ xewqat. Kemm kien ikun isbaħ li kieku dan l-ispirtu jkun is-sena kollha!



Nixtieq li nawguralkom sena ġdida mimlija ferħ, imma fil-ħajja sena bħal din ma teżistiex. Għax il-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna fiha t-tlugħ u l-inżul. Il-problemi jagħmlu parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Irridu nirrikonoxxu li din hija ħajjitna, għalhekk minflok se nawguralkom saħħa, kuraġġ u motivazzjoni biex b'qalbna mimlija tama niffaċċjaw it-tlugħ u l-inżul tal-ħajja.

Saħħa għax il-ħajja ta' kuljum hija kultant iebsa.

Kuraġġ għax diffiċli tiffaċċja l-istess probelma ġurnata wara l-oħra.

Motivazzjoni għax trid iżomm dejjem il-moral għoli anki meta l-affarjiet jidhru li sejrin ħażin.

Tama għax jekk titlef din ma jkollokx il-fiduċja li għad jiġi żmien aħjar.

Nixtieq li nirringrazzja mill-qalb lil min matul din is-sena li għaddiet ħa ħsieb li jgħin lilna lil uliedna biex ikollna ħajja aħjar. Lil kull min għażel li jfittex l-abilità u mhux id-diżabilità f'uliedna. Lil dawk kollha li jgħinuna nrabbu u nieħdu ħsieb it-tfal tagħna, qed nirreferi għat-terapisti, għalliema, ***facilitators***, tobba, volontiera, nanniet, ħbieb, għaqdiet u lista twila ta' dawk kollha li jagħtu l-ħin tagħhom għalina u għal uliedna

Grazzi mil-qalb għax il-familji tagħna kultant ikunu qegħdin fix-xifer u nkunu ser naqtgħu qalbna, imma bl-għajnuna tagħkom, nerġgħu nagħmlu l-kuraġġ u nkomplu il-vjaġġ tagħna.



***Alister Cachia B.Pharm (Hons.)***

# Obesity-related Hormone

## Is Higher In Children With Down Syndrome

ScienceDaily (Oct. 28, 2007) — Children with Down syndrome are more likely than their unaffected siblings to have higher levels of a hormone associated with obesity, according to paediatric researchers. The hormone, leptin, may contribute to the known higher risk of obesity among children and adults with Down syndrome.

The researchers studied 35 children with Down syndrome and 33 of their siblings. All of the children were between the ages of four and 10, and were from the Philadelphia area. The researchers intentionally did not include severely obese children in the study, in order to focus on risk factors for obesity before obesity occurred.

The children with Down syndrome had significantly higher body mass index, a higher percentage of body fat, and higher levels of leptin compared to their siblings. The higher leptin levels persisted even when the researchers adjusted for the effect of percentages of body fat, suggesting that differences in body composition did not account for the difference in leptin levels.

"The normal role of leptin is to suppress appetite and regulate body weight," said senior author Nicholas Stettler, M.D., MSCE, a paediatric nutrition specialist at The Children's Hospital of Philadelphia. "In general, obese people have higher levels of leptin, which suggests that they have some leptin resistance--their bodies do not respond to the hormone properly. Because Down syndrome is a chromosome disorder, children with Down syndrome may have a genetic predisposition to more severe leptin resistance."

Sheela N. Magge, M.D., M.S.C.E., a paediatric endocrinologist at Children's Hospital, the first author of the study, stressed that more research remains to be done on this question, as the reasons are yet uncertain why patients with Down syndrome are at higher risk of obesity. "Although the study had an advantage in including siblings as a control group, because this decreases the influence of different environments on children with or without Down syndrome, the sample size was limited, so larger studies are necessary. However, our findings may point to a useful approach to understanding why obesity often occurs in Down syndrome."

A research team from The Children's Hospital of Philadelphia and the University of Pennsylvania School of Medicine published their study online in the Journal of Paediatrics.

*Adapted from materials provided by Children's Hospital of Philadelphia.*



# Messaġġ

### Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tad-Down Syndrome
### 21 ta' Marzu, 2007

# Niċċelebraw id-differenzi

**mill-Eċċelenza Tiegħu Mons. P. Cremona Arċisqof ta' Malta**



Il-ħajja hija mimlija persuni sitwazzjonijiet differenti. Dan jagħmilha ħafna aktar interessanti u sabiħa. Imma wkoll b'dan jitlob minna lkoll sforz akbar biex napprezzaw dak li l-oħrajn għandhom differenti minna. B'apprezzament miniex nifhem kliem biss, jew sempliċi etikett, jew imġieba politikament korretta. Għalija, napprezza jfisser li nagħraf il-valur tal-persuna, u valur jista' jkun biss pożittiv.

Għalina l-insara, il-valur fundamentali huwa li kull persuna hija maħluqa minn Alla xbieha Tiegħu u maħbubin minn Alla bħala uliedu. Kull wieħed u waħda minna aħna mifdija minn Ibnu l-waħdieni Ġesù Kristu. Din hija d-dinjità fundamentali tal-bniedem li aħna nemmnu fiha. Kull differenza li tista' teżisti hija sekondarja wkoll jekk tkun importanti.

Meta niċċelebraw id-divesità tgawdi l-komunità kollha. Ilkoll nintebħu li nistgħu nagħtu u nirċievu mingħand xulxin. Ilkoll kemm aħna nkabbru l-karattru tagħna u l-valuri tagħna; is-soċjetà jirnexxiela tiġbed aktar membri biex jagħtu sehemhom u jkunu attivi; u kull diskrimazzjoni li ġġib firdiet bejnietna titwarrab. Ir-riżultat ta' dan kollu huwa kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd. Jekk nistgħu naslu għal din il-konklużjoni bir-raġuni tagħna biss, mela kemm tkun akbar jekk ir-raġuni li tqanqalna tinbet mill-imħabba nisranija, mibnija fuq it-tagħlim u l-eżempju ta' Kristu?

Imdawwal mid-dokument li ħareġ wara s-Sinodu, ***Lejn Knisja Aktar Inklussiva***, nagħraf ukoll li kull persuna b'diżabilità, minkejja xi limitazzjonijiet li jista' jkollha bħal kull persuna oħra, għandha ħafna x'toffri lis-soċjetà u lill-knisja.

Nieħu din l-okkażjoni biex nitlob lill-Mulej jixħet il-barka Tiegħu fuq kull persuna b'diżabilità u b'mod speċjali fuq kull persuna bid-Down Syndrome, fuq il-familji tagħhom u fuq dawk kollha li jiddedikaw lilhom infushom bl-imħabba u l-għożża għalihom.

+Pawlu

***Arċisqof ta' Malta***

# Ringrazzjamenti



***Is-Sur Pio Fenech, PRO ta' l-Assoċjazzjoni jirċievi ċ-ċekk mill-Bord ta' l-Istrina.***

Lill-**KMPG** li ta' kull sena jivverifikaw il-kotba u l-kontijiet finanzjarji.

Lill-**Bord ta' l-iStrina** u b'mod partikolari lill-**Pubbliku Ġenerali** għall-għotja ta' LM10,463.79 li l-Assoċjazzjoni tagħna ngħatat mill-flus ta' l-iStrina Diċembru 2006. Dawn il-fondi ser jintużaw biex jiġi ssussidjat il-programm REACH – il-programm ta' tranżizzjoni mis-sekondarja għat-taħriġ fl-impjieg.

Lill-**Bank of Valletta** għall-għotja finanzjarja ta' Lm500 li qegħdin jintużaw għall-programm REACH billi jinxtraw l-affarijiet meħtieġa għall-użu u l-benefiċċju tal-programm – għall-programmi edukattivi għall-użu fil-kompjuter eċċ.

Lill-kumpanija **Krea Malta Ltd li** tawna u waħlulna b'xejn kċina verament sabiħa, kompluta bl-aċċessorji.

Lill-kumpanija **Satariano** li tatna s-sett komplut tax-*shower* u ta' l-*ispare toilet*.

Lis-**Sinjuri Jessica Curmi** u **Stephanie Xuereb** u **l-grupp tagħhom** għall-għajnuna u s-sapport tagħhom. Fiż-żmien tal-Milied dawn ġentilment jieħdu ħsieb jagħmlu *fundraising* għall-Assoċjazzjoni tagħna.

Lis-Sur **Kenneth Poulson**, membru assoċjat ma' l-Għaqda tagħna li tana *laptop* biex inkunu nistgħu nużawh anke għal waqt konferenzi.

Lis-Sur **Micallef, Direttur, Homemate** li tana tliet *cupboards* għall-użu fiċ-Ċentru tagħna.

Lill-**American International Women's Association** li tawna erbat imwejjed biex bdilna dawk li kellna tal-ħadid.

Lil **Ms Alison Galea,** li għal dawn l-aħħar snin kienet tagħti lezzjonijiet tal-*Keep Fit* lill-membri tagħna u li tatna s-somma ta' Lm60 li kienu jagħmlu parti mir-rigali tat-tieġ tagħha.

Lill-**Kmandat ta' l-Akkademja tal-Pulizija** li sellfilna ħames rekruti u għal ġimgħa sħiħa għenu, ħadmu u għamlu xogħol manwali fil-*premises* tagħna.

Lill-**Alert Communications** għax-xogħol issussidjat li għamlu fuq il-*website tagħna.*

Lil **KNPD, HSBC u The Catenians Mensija Centre** għall-għajnuna finanzjarja biex l-Assoċjazzjoni setgħet tippubblika l-Pakkett Informattiv għall-Ġenituri.



# Int rigal!



Kien il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru 1987 meta, lura minn ġurnata skola, sibt tistennieni aħbar ta' ferħ li mlietli qalbi u fawritli għajnejja bid-dmugħ - kien it-twelid ta' membru ieħor fil-familja tagħna, Maria.

Ftit jiem wara, missieri ġabar lil ħuti u lili u qralna l-poeżija Heaven's very Special Child ta' Edna Massimilla li titkellem dwar laqgħa li l-anġli kellhom bejniethom biex jiddeċiedu għand liema familja ser jibagħtu tarbija speċjali li kienet waslet biex titwieled. U jekk it-tarbija kienet speċjali, xejn inqas ma kellha tkun il-familja li tilqagħha – kellha tkun familja, li toffri lit-tarbija ħafna mħabba, bil-wisq aktar milli tirċievi kull tarbija oħra. U missieri ssokkta jgħidilna li l-familja magħżula mill-anġli hija tagħna u li lilna ġie mogħti dan l-anġlu li, aktar minn trabi oħra, l-iżvilupp tagħha kien jiddependi ħafna fuq l-imħabba li tirċievi minn dawk ta' madwarha. Kien biss wara li qralna u fiehmna dil-poeżija, li missieri spjegalna l-kundizzjoni li kellha ċ-ċkejkna tagħna u qalilna li kien meħtieġ li Maria tieħu ftit aktar taż-żmien minna biex titgħallem. Iżda din l-aħbar xejn ma naqqset il-ħerqa u l-eċċitament tagħna biex nilqgħu liż-żgħira d-dar. Maria kienet milqugħa u maħbuba qabel ma rifset l-għatba tad-dar; tassew li l-imħabba ġenwina fil-familja hija l-ewwel u l-aqwa sustanza li permezz tagħha tinbet u tiffjorixxi kull żerriegħa, imqar dik li tkun ittimbrata bħala 'differenti' u 'dgħajfa' aktar minn oħrajn.

Iż-żmien beda għaddej u Maria bdiet tgħodd il-ġranet, ix-xhur u s-snin ukoll. Xejn ma kien ward u żgħar. Il-visti għand diversi tobba u terapisti, l-eżerċizzji tant meħtieġa u dieta bilanċjata biex ma żżidx fil-piż, kollha kienu sabu posthom regolarment fil-ħajja ta' Maria u tagħna wkoll. Dan għaliex il-preokkupazzjoni tal-ġenituri tagħna dwar l-iżvilupp tagħha, minn vista għal oħra, sar il-preokkupazzjoni tagħna wkoll bħala ħutha. Iżda minkejja dan, Maria kienet turi progress f'kollox tista' tgħid. Tellgħet is-snien, tat l-ewwel pass, lissnet l-ewwel kelma (anki jekk bi ftit tad-diffikultà), bdiet tattendi l-iskola … u ma' dan kollu bdejna nindunaw ukoll li Marija hija tassew persuna speċjali għax għandha qalb sensittiva għall-aħħar u taf tinsa u tħobb. Mhux l-ewwel darba li missieri kien jiġbdilha l-attenzjoni u jgħajjat xi għajta magħha u hi bil-kalma tagħha kollha kienet tmur ħdejh, iddawwar idha ma' għonqu u tgħidlu: "U isa papà!" – kliem li kien jisraq lil missieri u lilna lkoll.

Sa minn età bikrija, il-karattru ta' Maria wera sens qawwi ta' indipendenza, ngħidu aħna biex tiekol, tinħasel u tilbes, tagħmel il-*homework* u tagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar. Dan il-fattur għena u għadu jgħinha tinvesti fil-bini ta' personalità b'saħħitha kif ukoll fi tbissima serena li tikxef il-ferħ li għandha f'qalbha, tant li qatt ma tilmenta li għandha xi ħaġa inqas minn ħaddieħor. Maria hi kuntenta kemm meta hi b'saħħitha u anki meta din tonqos. Hija taf bil-limiti tagħha u taf ukoll bil-ħiliet li għandha, u jkun xi jkun, Maria dejjem titbissem. Hu f'dan is-sens li persuni bħal Maria, fid-dinja tal-lum jippreżentawlna sfidi kbar. Fid-dinja 'tagħna' – li mingħalina ma jonqosna xejn – dinja li, għaliha li jgħodd hu kemm se tilħaq, kemm se tinvesti, kemm se tagħmel isem u tikseb popolarità, dawn il-persuni juruna li l-aqwa investiment hu l-ferħ u l-paċi fil-qalb.

Grazzi Maria ta' kemm-il darba bi kliemek u mġibtek urejtna li aħna persuni aljenati – moħħna biss fuq ftit duħħan li jtir u jintesa. Grazzi Maria li inti kontinwament tfakkarna kemm għandna napprezzaw il-ħajja u mhux nagħmlu tagħna bi dritt dak kollu li ġie mogħti lilna minn fuq: iż-żmien, is-saħħa, it-talenti, iżda fuq kollox lil xulxin. Grazzi lilek li tagħmel tant differenza f'ħajjitna, u għax teżisti d-diversità, teżisti wkoll il-kreattività. Li kieku ma kienx għal persuni bħalek, id-dinja hija inqas imżewqa milli hi; inqas umana milli hi; inqas ferħana milli hi. Maria int rigal lill-umanità. Grazzi mill-qalb!

***Sr. Elaine Mifsud***

# L-Ewro

## *il-munita ġdida tagħna l-Maltin!*

Min jaf kemm-il darba smajna fuq ir-radju jew anke rajna fuq it-televiżjoni xi program fuq l-ewro! Mill-ewwel ta' Jannar tas-sena d-dieħla (1 ta' Jannar 2008) aħna se nibdew nużaw din il-munita l-ġdida meta nadottawha bħala l-munita nazzjonali tagħna.

Din il-bidla se taffetwa lil kulħadd u bħal kull bidla oħra, żgur ser ikun hemm xi sfidi sakemm nidraw nużaw il-flus ġodda. Għalhekk hija ta' importanza kbira li kull wieħed u waħda minna jieħu ftit tal-ħin biex jidra l-muniti u l-karti ta' l-ewro sabiex inkunu f'pożizzjoni li nużawhom b'kunfidenza minn Jannar li ġej.

### L-ewro x'inhu?

L-ewro huwa l-munita uffiċjali ta' L-Unjoni Ewropea. Sal-lum il-ġurnata hemm tlettax-il (13) pajjiż li jużaw l-ewro, u flimkien dawn jissejħu *ż-żona ewro.* Dawn il-pajjiżi huma:

1. L-Awstrija
2. Il-Bejġju
3. Franza
4. Finlandja
5. Il-Greċja
6. Il-Ġermanja
7. L-Irlanda
8. L-Italja
9. Lussemburgu
10. L-Olanda
11. Il-Portugal
12. Slovenja
13. Spanja

Il-muniti u l-karti ta' l-ewro bdew jiċċirkolaw u jintużaw fl-2002, jiġifieri ftit aktar minn ħames snin ilu. Iżda f'dan iż-żmien qasir l-ewro sar munita b'saħħitha madwar id-dinja kollha. Fil-fatt ħafna mill-kummerċ dinji jsir bl-ewro u għalhekk, jaqbilna nużaw l-ewro sabiex in-negozjanti tagħna jiffrankaw l-ispejjeż tal-kambju meta jiġu biex jixtru prodotti minn pajjiżi li jużaw l-ewro.

### Il-muniti ta' l-ewro…

Bħal-lira Maltija, l-ewro huwa maqsum f'muniti u karti. Kull 100 ċenteżmu ta' l-ewro jagħmlu ewro sħiħ. B'kollox, hemm tmien muniti differenti li huma: iċ-ċenteżmu, żewġ ċenteżmi, il-ħames ċenteżmi, l-għaxar ċenteżmi, l-għoxrin ċenteżmu, il-ħamsin ċenteżmu, il-munita ta' l-ewro u l-munita taż-żewġ ewro.

Il-muniti għandhom numru ta' karratteristiċi differenti biex jgħinuna nagħrfu munita minn oħra. Naħa waħda tal-munita tissejjaħ in-'naħa komuni' u tkun l-istess fil-pajjiżi kollha li jużaw l-ewro.

In-naħa ta' wara tal-munita tissejjaħ in-'naħa nazzjonali' u kull pajjiż li jaddotta l-ewro jista' jagħmel xi disinni li jirreflettu l-kultura u l-istorja ta' dak il-pajjiż partikolari.

Fil-każ tal-muniti Maltin intgħażlu s-salib tal-Kavallieri, l-Arma ta' Malta u l-Artal tat-Tempju ta' l-Imnajdra. Iżda l-muniti ta' l-ewro ta' kull pajjiż, anke jekk għandu disinn differenti, jista' jintuża f'pajjiżi oħrajn li jużaw l-ewro wkoll.

Sabiex nidraw il-muniti aktar malajr, nistgħu nqassmuhom fi tliet gruppi. L-ewwel grupp hu ċ-ċenteżmu, iż-żewġ ċenteżmi u l-ħames ċenteżmi. Dawn it-tliet muniti għandom kulur il-bronż u jikbru fid-daqs skond il-valur tagħhom. Barra minn hekk il-munita taż-żewġ ċenteżmi għanda bħal linja mħaffra fil-ġenb tagħha li tista' tħoss b'difrejk, filwaqt li l-ġenb tal-munita taċ-ċenteżmu u taż-żewġ ċenteżmi huwa lixx.

It-tieni grupp jikkonsisti fi tliet muniti oħra li huma l-għaxar ċentezmi, l-għoxrin ċentezmu u l-ħamsin ċentezmu. Dawn it-tliet muniti għandhom kulur id-deheb ċar. L-għaxar ċenteżmi u l-ħamsin ċenteżmu għandhom pizzi mnaqqxa fil-ġenb tagħhom, qishom mewġ, sabiex wieħed ikun jista' jagħrafhom. L-għoxrin ċenteżmu hija xi ftit differenti minnhom, għax għandha seba' daqqiet mad-dawra kollha.

It-tielet u l-aħħar grupp tal-muniti huma l-ewro u ż-żewġ ewro. L-ewro għandu żewġ kuluri differenti – fidda minn ġewwa u deheb mad-dawra ta' barra. Iż-żewġ ewro għandha dawn iż-żewġ kuluri wkoll iżda għandna d-deheb fuq ġewwa u kulur il-fidda fuq barra. Bħall-muniti l-oħra, l-ewro u ż-żewġ ewro għandhom disinn





mnaqqax fil-ġenb tagħhom, qishom pizzi rqaq, biex ikunu jistgħu jintgħarfu.

### Il-Karti ta' l-ewro…

Barra mill-muniti hemm ukoll seba' karti differenti ta' l-ewro, u kull karta għandha kulur u daqs differenti biex jagħmilha aktar faċli li nagħrfu karta minn oħra. Il-karti huma l-ħames (5) ewro (griża), l-għaxar (10) ewro (ħamra), l-għoxrin (20) ewro (kaħlani), il-ħamsin (50) ewro (oranġjo), il-mitt (100) ewro (ħadra), il-mitejn (200) ewro u l-ħames mitt (500) ewro.

Il-karti għandhom numru ta' karatteristiċi li huma l-istess fil-karti kollha, per eżempju: il-bandiera ta' l-Unjoni Ewropea, il-valur tal-karta u l-inizzjali tal-Bank Ċentrali Ewropew. Barra minn hekk kull karta għandha disinn differenti ta' twieqi jew bibien fuq in-naħa ta' quddiem tal-karta u pontijiet, flimkien mal-mappa ta' l-Ewropa fuq wara.

Dawn il-bini ma jinstabu fl-ebda pajjiż ta' l-Unjoni, iżda huma simboli tal-ftuħ u kooperazzjoni bejn il-pajjiżi. Huma bbażat wkoll fuq stili differenti ta' arkitettura li nsibu madwar l-Ewropa. Il-Karti huma l-istess fil-pajjiżi kollha u bħal muniti, jistgħu jintużaw fil-pajjiżi kollha li jadottaw l-ewro.

### Idra l-valur ta' l-ewro…

Pass importanti wara li tidra' l-karti u l-muniti ta' l-ewro hu li tibda 'taħseb bl-ewro', jiġifieri tibda tidra l-valur ta' l-ewro stess. Dan hu importanti ħafna sabiex inti tkun tista taħdem bl-ewro b'kunfidenza u mingħajr inkwiet.

Tista' tibda tidra l-valur ta' l-ewro billi tagħti kas il-prezzijiet fiż-żewġ muniti li qed isir fil-ħwienet. Sabiex jipprovdi l-għajnuna f'dan ir-rigward, il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla għall-Ewro ppubblika ktejjeb żgħir fejn wieħed jista' isib ammonti komuni bl-ekwivalent tagħhom bl-ewro.

Barra minn hekk qed jitqassmu wkoll *BOV converters*, fejn wieħed sempliċiment idaħħal l-ammont bil-liri Maltin u jagħfas il-buttuna bis-simbolu ta' l-ewro biex jara l-ekwivalenti bl-ewro. Ser ikun hemm wkoll verżjoni 'audio' għal min hu nieqes mid-dawl, sabiex huma wkoll jingħataw l-opportunità li jidraw il-valur tal-munita ġdida.

Iżda kif dejjem jingħad, il-prattika hi l-aħjar ħaġa biex tidra oġġett ġdid u għalhekk, wieħed għandu dejjem jieħu l-inizjattiva u jfittex l-informazzjoni. Jista' jagħmel hekk billi jattendi xi laqgħat ta' taħriġ, jaqra kotba informattivi u jekk isib xi diffikulta', iċempel Linja Ewro 154 fejn it-tim ta' uffiċjali ta' informazzjoni qed jistennew biex jagħtu l-għajnuna meħtieġa.

# Mill-Kalendarju ta' l-Assoċjazzjoni




A. Fenech, R. Fenech, H. Mifsud (Kumitat), M. Mugliette (Chairperson), l-Onor. Prim Ministru Dr. L. Gonzi, P. Fenech (PRO), C. Vassallo (Viċi Chairman). Fuq quddiem: G. Mugliette, J. Vassallo, M. Mifsud, C. Vassallo.

L-Assoċjazzjoni Down Syndrome attendiet għal-laqgħat ta' 'Djalogu mal-Prim Ministru' li saru f'Kastilja u li kienu miftuħa għall-publiku. F'dawn il-laqgħat ġew diskussi issues differenti li wħud minnhom kien jolqtu wkoll lil uliedna, bħal per eżempju l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-pensjoni eċċ. L-Assoċjazzjoni kienet preżenti u wkoll semmiet leħinha fuq is-suġġetti li kienu jolqtu lil uliedna.





Fil-ġimgħa ddedikata għall-persuni li għandhom Down Syndrome ta' l-2006, liema ġimgħa tiġi ċċelebrata mill-Fondazzjoni Eden, l-Assoċjazzjoni Down Syndrome kienet għal darb'oħra mistiedna biex tipparteċipa f'xi attivitajiet fosthom fil-laqgħa ma' l-Onor. Prim Ministru Dr. L. Gonzi. L-assoċjazzjoni kellha ir-rappreżentanza tagħha f'din il-laqgħa li saret fil-Girġenti. Kienet okkażjoni sabiħa għalina lkoll fejn ġenituri, tfal, persuni li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u wħud mill-Kumitat tagħna li fuq bażi volontarja jaħdmu fi ħdan il-Kumitat, tkellimna dwar il-preokkupazzjonijiet tagħna fuq xi nuqqasijiet li għadna nħabbtu wiċċna magħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet ta' wliedna. L-interventi tagħna kienu milqugħa tajjeb ħafna mill-Onor. Dr. Gonzi li min-naħa tiegħu wegħedna s-sapport tiegħu.



Attivitajiet oħra għal din il-ġimgħa kienet laqgħa ma' l-Onor. Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr. A Sant li flimkien miegħu tkellimna u ddiskutejna dwar dak li qiegħed isir mal-persuni li għandhom Down Syndrome u anke dwar dak li huwa nieqes. Bħalma għamilna ma' l-Onor. Prim Ministru, anke lill-Onor. Kap ta' l-Oppożizzjoni infurmajnieh dwar il-programm REACH. Dan huwa l-programm ta' tranżizzjoni mis-sekondarja għat-taħriġ fuq l-impjieġ għaż-żgħażagħ li għandhom Down Syndrome wara li jispiċċaw il-Form 5. Dan il-programm seta' jitwaqqaf grazzi għall-kollaborazzjoni li saret mill-Assoċjazzjoni Down Syndrome u l-Fondazzjoni Eden.



Fil-21 ta' Marzu 2007 l-Assoċjazzjoni Down Syndrome ċċelebrat il-Jum Dinji tad-Down Syndrome. Waħda mill-attivitajiet li saret f'din il-ġurnata kienet iż-żjara li s-Sinjura Fenech Adami, il-mara tal-President ta' Malta, għamlet fil-'premises' tagħna fil-Belt Valletta. Hija ġiet milqugħa miċ-Chairperson u mill-kumitat ta' l-Għaqda flimkien mal-grupp kollu tal-programm REACH. Is-Sinjura Fenech Adami ngħatat informazzjoni fost oħrajn dwar il-programm REACH, li huwa programm indispensabbli għal uliedna. Iż-żgħażagħ li jattendu il-programm għamlu l-interventi tagħhom ukoll. Il-laqgħa kienet waħda sabiħa ħafna u spikka l-interess ġenwin li s-Sinjura Fenech Adami wriet fix-xogħol ta' l-Assoċjazzjoni. Din il-ġurnata, partikolarment minħabba ż-żjara tas-Sinjura Fenech Adami ser tibqa' memorabbli għalina lkoll speċjalment għaż-żgħażagħ li qegħdin jibbenefikaw mill-programm REACH.



Is-Sinjura M. Mugliette, Chairperson, is-Sinjura M. Fenech Adami tiffirma l-ktieb tal-viżitaturi, is-Sur Pio Fenech, PRO.

Il-programm REACH, li huwa il-programm ta' tranżizzjoni mis-sekondarja għat-taħriġ fuq ix-xogħol u li qed isir mill-Assoċjazzjoni Down Syndrome bil-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni Eden, ġie mgħejjun finanzjarjament mill-Bank of Valletta biex ikun jista' jwettaq l-għanijiet tiegħu bl-inqas spejjeż possibli fuq il-klijenti. L-għajnuna finanzjarja kienet ta' Lm500. Din is-somma ser tintuża direttament fuq il-programm biex ittaffi ftit mill-ispejjeż li tagħhom bħalissa qed jagħmlu tajjeb għalih il-klijenti li qegħdin fil-programm.



Is-Sur Joe G. Bonello, Kumitat, is-Sinjura M. Mugliette, Chairperson, is-Sur M. Galea, is-Sur A. Wetz, Teżorier.



M.Mugliette, Chairperson u P. Fenech PRO attendew għat-tielet Kungress li sar fil-Lukanda Phoenicia organizzat mill-Associazione Medirettaneo senza Handicap u d-Dar tal-Providenza fejn l-Għaqda tat il-kontribut tagħha. (aqra l-preżentazzjoni f'paġna 16)



Is-Sur M. Galea, jitkellem mas-Sur M. Gellel koordinatur REACH dwar l-għanijiet tal-programm.

# The Importance of Imitating Your Child's Sounds

By James D. MacDonald, PhD, Columbus, OH

*Reprinted, with permission from 'Down Syndrome News', Volume 30, #2 (Spring 2007) (published by the National Down Syndrome Congress, Atlanta, Georgia)*
**Editor's note:** Dr MacDonald is a professor emeritus of speech language pathology at Ohio State University and has developed the Communicating Partners Center. You can see more of his work at www.jamesdmacdonald.org

Your child mainly lives in a world of actions and sensations. You live mainly in a world of thoughts and language. By bridging that gap between you, your child learns and communicates more.

Making sounds is one of the most frequent actions and sensations a child does and it is a critically important developmental step. Sounds are some of your child's important early actions. In the beginning, long before they are used for speech and communication, sounds are the natural actions that your child's vocal system makes. Sounds are one of the things children are wired to do and so they do them. Making sounds begins as other motor skills do - by doing them in very primitive and unspecified ways. You may think your child is communicating by making sounds. But, for a long while, your child is just practicing a motor skill.

Sounds are important early sensations. Every sound makes vibrations in your child's body, just as other sensations like touch, sight and hearing do. At first, young children appear to make sounds because the sensations feel good and are things a child can control and change. Children often play with their sounds almost as if they were action toys. In fact, if we could look closely, we would see that a child plays with sounds much like toys. They are novelties to create and feel.

You might wonder why this matters to your child. It matters a great deal because your child needs to practice sounding a great deal to develop and change the muscles that will make more complicated sounds and then words. Most people take sounds for granted and cannot even remember helping a child develop sounds. But we definitely do.

## Problems

Many late-talking children and ones with concerns like autism and Down syndrome, or motor problems like cerebral palsy and apraxia, have very serious delays in making and combining sounds. For these children, learning to make sounds is a highly important and commonly ignored developmental stage.

When a child is language delayed or nonverbal, most parents and professionals understandably want them to talk. Of course! The problem is that words and language are not the first steps in talking. And, children who cannot easily make sounds will fail and become discouraged if everyone is pushing them to make words. People may come to the dangerous conclusion that a child "cannot" talk. Many children, when their partners do not imitate and play with their sounds but only accept and pressure for words, do not talk.

Think of it. We need to realize that the task of making and combining sounds is a very difficult and complicated muscular activity for many children. Those who have low motor tone (hypnotic) or neurological conditions that will make sounding a very slow process require a great deal of practice.

What also is necessary for later talking, is for children to hear others make sounds that they can make - frequently and right when they are trying to make them. Children will learn our speech sounds when we give them sounds that they can make.

If we do not frequently interact with children with the sounds they can make, we may come to the conclusion that they cannot make sounds or cannot talk. This is like concluding that a novice tennis player cannot learn tennis because, at first, he cannot hit the ball straight. The problem is not that a child cannot talk; the problem is that the child's partners are simply not allowing enough practice of the little steps necessary for talking.

All of this often can be solved when you get into the habit of imitating your child's sounds. Why? Children make more sounds when we imitate them. If we do not make sounds that children can make, they may give up and just not try. If we keep trying to get a child to say words without sounding practice, the child will fail because of our impossible expectations. That same child could have had important successes if only we did what he or she could do.

## Child Goals

**1. More of any sounds** - Every child needs to make many sounds all day long to get the practice he needs to make and combine new sounds. This is a very complicated motor process. Consequently, your child's first goal is to simply make more and more sounds. And you need to accept and support all sounds at first. One way to do this is to imitate all sounds.

**2. More changes in sounds** - Once your child is a constant sounder, slowly introduce new sounds. If he says "baba", you might say "bibi" or "mama" or some little next step. He can try sounds that begin to imitate parts of your words. Once you have imitated his sounds for quite a while, he will begin to imitate yours - but only if they are sounds he can try to do.

**3. Small steps to words** - Once you give her single words she will try rough attempts. That is perfectly okay. Every word involves many tiny motor steps. So rather than thinking of a word as doing just one thing, realize that it involves doing many movements together at the same time.

## Observation activity

Interact with your child five times in a couple of days. Pay careful attention to the sounds your child makes -any sounds, not just when he's communicating. Is he making them to himself? Or is he directing them to people? Do you think he makes sounds to play or to communicate more? Then just look at what you do when he makes sounds. Do you usually respond or ignore them? Do you respond with language he can do? Do you imitate his sounds? And, do you appreciate that sounds are something important for him to do?

Now, describe what happened. ***Note:*** You may have someone else such as a coach or therapist observe you.

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________

## Practice Activities

Select five daily activities and practice imitating sounds for at least five minutes in each activity. Let your child take the lead and do not make her do the sounds.

The goal is for her to practice sounding more and more with you.

## Child Goals

1. Make more sounds of any kind.
2. Direct his sound more to people than to himself.
3. Pay attention when you imitate his sounds.
4. Change sounds to be more like yours.

## What can you do?

1. Say her sounds just like she does.
2. Imitate sounds immediately.
3. Imitate her sounds playfully.
4. Imitate sounds even when she does the alone.
5. Play with sounds like the important learning toys they are.
6. After you imitate, wait silently for a response, and then imitate again. Imitate and then change the sound a little.

## What not to do

1. Ignore sounds he makes to himself.
2. Say sounds or words he cannot do.
3. Forget to show you enjoy hearing his sounds.
4. Correct or judge how he sounds.
5. Correct in ways that imply he did something wrong.

## Progress Record

### How are you doing?

1. Imitating his sounds
2. Imitating and changing sounds a little
3. Waiting for child to make sounds first
4. Waiting for child to make sounds after you imitate
5. Making sound imitation a frequent game

### How is your child doing?

1. Making more sounds by herself
2. Making more sounds to people
3. Making new sounds
4. Trying to imitate your words
5. Interacting with people more
6. Starting to deliberately communicate

# The Current Situation of the Education of Persons who have Down Syndrome in Malta

I am Marthese Mugliette, Chairperson of the Down Syndrome Association Malta. Our Association has about two hundred affiliated members.

I chose to deal with the topic of ‘Education’ as this issue has, for quite some time, been on top of our Association’s agenda. I feel that I should take this opportunity to use this theme and speak about the present situation concerning the education of persons who have Down syndrome in Malta.

About seventeen years ago, students who had Down syndrome could already benefit from inclusive education in Malta. As at that time inclusive education was still at its very beginning, this was made possible thanks to the pressure made by the parents. The education of these students was on a trial and error basis and no one had any experience. As years went by, it was easier for a child who had Down syndrome to be accepted within our regular schools. The inclusive education system initiated about thirteen years ago.

Today we have a system that registers all children who have Down syndrome in the regular schools as from the kinder classes. A child is statemented by the Statementing Moderate Panel before approval is given for him/her to have the service of a facilitator to help him/her during school hours. The role of the facilitator who works with our children is primarily to facilitate the lessons and the inclusion of the student in all scholastic activities.

During all these years, changes and improvements have occurred within the education system for the benefit of all students with a disability. Unfortunately, the Down Syndrome Association notes that students who have Down syndrome, and so have intellectual disability, still lack being assessed by an educational psychologist before an Individual Educational Program is planned. In our opinion the educational psychologist is the professional who can and should be involved in the planning




of the Individual Educational Program of our children. It is impossible to create a good, serious and beneficial educational program for a student with intellectual disability without knowing the level of intellectual ability the student has. The professional input of the educational psychologist during the scholastic years of a student who has Down syndrome must be ongoing because as time goes by and as the child benefits from a good quality education, his abilities and needs change.

Students who have Down syndrome get on well within our primary educational system. Problems are being encountered by our children during their secondary years. Presently, our children have to adapt within the system – one National Curriculum to all students. Giving a good quality education to our children who have Down syndrome means making the system adapt to our children’s needs and abilities. Because we are still stuck in this unacceptable situation, we are seeing adults who have Down syndrome finishing their secondary school and still not yet ready and prepared for the outer world.

At the biological age of sixteen years old, our children who have Down syndrome are still of a mental age of eleven to twelve years old– sometimes even younger. I wish to quote our Education Act which says:

*“It is the duty of the State to promote education and instruction, to ensure the existence of a system of schools and institutions accessible to all Maltese citizens catering for the full development of the whole personality including the ability of every person to work; and to provide for such schools and institutions where these do not exist.”* (Education Act)

At sixteen years of age our children who have Down syndrome have not yet fully developed their whole personality including the ability to work.

Unfortunately, the educational years of the students with intellectual disability attending our regular schools are ending after they finish their fifth form (Form 5). They are leaving our schools not yet prepared for their adult life. A few chosen ones are being given the opportunity to benefit from another educational year through the ‘Pathway to Independent Living Course’ offered to them by the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST). When this one year course comes to an end, so does the education for these students with intellectual disability.

Here I wish to add that since submitting this paper to the congress committee changes have occurred. It has come to our knowledge that, as from next scholastic year, this ‘Pathway to Independent Living Course’ is not to be available anymore.

There are others who choose to remain within the education system by attending a special school until they become nineteen years of age. Others register themselves with the Employment Training Centre to be trained for work so that maybe one day they will be given the opportunity to work.

The Down Syndrome Association could not accept the fact that the system is failing with our children. With regards to them, the system is not *catering for the full development of the whole personality including the ability of every person to work* (Education Act). The Association had to do something for our children. We discussed this very important issue with professional service providers about how we could work together to give our adult children who have Down syndrome a continuous education and the necessary life skills they still lacked to finally be able to access the labour market.

The result of these discussions was the beginning of a pilot project initiated on the $2^{nd}$ October 2006. It is a two year transition program from secondary school to employment training. The Eden Foundation is providing this service to our teenage members at our own premises in Valletta. This program is at a cost for the clients and the Association has done its utmost to obtain necessary funds to subsidize this program which is of utmost importance and a necessity to our adults. We are positive that this program is the adequate tool to promote life long learning to our teenagers who have Down syndrome and to bridge the gap between our education system and the employment training. Of course being still a pilot project, the first of its kind, there is always the possibility of improving the program.

The Down Syndrome Association strongly believes in our members. We hope and wish that the State recognizes the abilities of persons who have Down syndrome, offers all services necessary to promote life long learning and make it possible for them to access the labour market.

Our children have a right for adult education, a right to being gainfully employed – a right as equal as the right their ‘normal’ peers have.

April 2007

# Proċeduri ta' Reġistar għax-Xogħol

L-eliġibilità sabiex persuna taqbad tirreġistra għax-xogħol hija bbażata fuq il-fatt li persuna tkun għalqet is-sittax-il sena u tkun disponibbli li taħdem.

Sabiex tirreġistra l-ewwel darba, persuna tkun trid tiġi l-ETC ġewwa Ħal Far u ġġib magħha l-karta ta' l-identità u n-numru tas-Sigurtà Soċjali. F'każ ta' persuna li qatt ma tkun ħadmet tali numru jinġieb mill-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Lokal.

Persuna b'diżabilità li tkun trid tirreġistra, għandha tagħmel kuntatt inizjali mas-*Supported Employment Section* u proprju ma' Ms. Dorianne Pawney fuq in-nurmu 22201407. Dan sabiex isir appuntament ħalli tinbeda l-proċedura ta' Registrar.

Wara li l-persuna tirreġista l-ewwel darba, isirulha appuntamenti kemm mat-Tabib ta' l-ETC u ma' l-*Occupational Therapist*, kif ukoll ma' l-*Employment Advisor* sabiex isiru l-profiling neċessarji. Dawn ikunu meħtieġa sabiex jiġu mkejla l-abilitajiet tal-persuna li tkun bdiet tirreġistra ghax-xogħol u sabiex isir '*matching*' tal-persuna ma' vakanzi ta' xogħol li tkun mgħarrfa bihom l-ETC.

L-irreġistrar isir darba fil-ġimgħa fl-Uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali tal-Lokal. Sakemm jinstab xogħol, tali persuna tkun tista' tingħata korsijiet ta' taħriġ, kemm minn *trainers* ta' l-ETC jekk il-persuna tkun fi stat li ssegwi tali korsijiet mal-*mainstream* tar-reġistranti jew ma' l-*Eden Foundation* jew ir-*Richmond Foundation*, skond kif ikun il-każ.

Tali proċeduri jibqgħu fis-seħħ sakemm il-persuna tiġi mqabbda f'xi xogħol.

## Profil – Charles Cassar

Charles Cassar huwa *Senior Manager* ta' l-*Administration & Support Services Division*. Minn ħdan din id-divizjoni topera s-*Supported Employment Section*.

Din is-sezzjoni tindokra mill-qalb lill-klijenti ta' l-ETC meqjusa bħala Gruppi żvantaġġati. Persuni li jkunu qed jirreġistraw għax-xogħol u li jkunu persuni b'diżabilità jew persuni bi problemi soċjali (*ex-substance abusers/ex-inmates/single parents*, eċċ.) u jew persuni li jkunu ilhom jirreġistraw għal aktar minn ħames snin huma l-klijenti tas-Sezzjoni.

Charles Cassar huwa gradwat mill-Università ta' Malta kemm b'Diploma fil-Labour Studies, kif ukoll bl-MBA (Executive). Huwa wkoll *Certified Mediator* b'akkreditazzjoni OCR (UK)

Qabel l-impjieg tiegħu ma' l-ETC, Charles Cassar serva għal bosta snin bħala Uffiċjal għoli tal-GWU.



# Diskors Amministrattiv

## mis-Segretarju Ġenerali

Il–Ġimgħa 24 ta' Marzu 2006 kellna l-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn il-Kumitat ra xi tibdil b'uċuh ġodda jieħdu posthom. L-akbar tibdilha li kellna kienet fit-tmexxija meta John Peel ma xtaqx jerġa' jkun iċ-*Chairman* ta' l-Għaqda. Is-Sinjura Marthese Mugliette ġiet eletta bħala ċ-Chairperson. Fl-ewwel indirizz tagħha s-Sinjura Mugliette irringrazzjat lis-Sur Peel għas-snin twal ta' ħidma li kien ta lill-Assoċjazzjoni. Hija saħqet fuq l-importanza li lkoll flimkien nagħtu l-appoġġ tagħna biex il-ħidma li jagħmel il-Kumitat għan–nom tagħna lkoll tħalli r-riżultati li nixtiequ. Is-sapport u l-għajnuna tal-membri kollha kienet fejn importanti biex l-Kumitat ikompli jaħdem għall-benefiċċju tal-persuni li għandhom Down syndrome. L-appell lill-membri ma jonqosx biex ħadd ma jibqa' lura milli jressaq xi suġġerimenti jew problemi li jolqtu lill-persuni li għandhom *Down syndrome* u li l-membri jħossu li l-Kumitat jista' jaħdem fuqhom.

Il-Kumitat ta sikwit iħabbel rasu kif sejjer jiġbor flus biżżejjed biex imexxi l-Għaqda 'l quddiem u jżomm iċ-ċentru fi stat tajjeb u biex jissusidja s-servizzi ta l-Għaqda. Il-flus bil-mod jidħlu għax hemm konkorrenza kbira mill-NGO's fuq il-pubbliku u l-entitajiet.

Nagħmlu appell lill-membri kollha biex nuru aktar interess fl-Għaqda, nipparteċipaw aktar fi ħdanha u fl-okkażjonijiet li jkollna, biex hekk nagħtu kuraġġ akbar u rieda soda biex il-Kumitat ikompli bil-ħidma tiegħu biex l-Għaqda tkompli tikber.

Fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat, wara li kien ġie maħtur fl-2006, iċ-*Chairperson* kienet uriet ix-xewqa li l-Għaqda taħdem fuq '*issues*' li jolqtu direttament lil uliedna. Wieħed irid jgħid ix-xewqa saret realtà u tul l-ewwel sena ta' dan il-Kumitat kienu diversi 'l-*issues*' li l-Għaqda semmgħet il-vuċi tagħha għan-nom tal-membri kollha.

### Attivitajiet

L-Għaqda organizzat diversi attivitajiet li dejjem intlaqgħu tajjeb ħafna mill-membri u minn min jattendi.

Fis-sitt Simpożju Internazzjonali tad-*Down Syndrome*, il-Bord tad-*Down Syndrome International* (DSI) u dak tal-*European Down Syndrome Association* (EDSA) iddeċidew li l-21 ta' Marzu għandha tibda tissejjaħ bħala l-ġurnata tad-*Down syndrome*. Il-ġurnata u x-xahar intgħażlu hekk għax id -*Down Syndrome* hija assoċjata mat-tliet (3) koppji tal-kromożoma 21 (*trisomy* 21). Għalhekk ħadu l-21 bħala l-ġurnata u t-tielet xahar tas-sena. Id-DSI u EDSA kienu talbu lill-membri tagħhom biex kull sena jiċċelebraw din il-ġurnata dinjija f'pajjiżhom. Għal din is-sena 2007 it-tema magħzula hija '*Celebrating Diversity*' ('Niċċelebraw id-Diversità). Fuq talba tal-Kumitat, l-Eċċ. Tiegħu Mons. P Cremona, Arċisqof ta' Malta ġentilment għogbu jagħtina l-messaġġ tiegħu speċifikament u addattat għall-Jum Dinji tad-*Down Syndrome*. Il-Kumitat għandu ħsieb li dan il-messaġġ jiġi poġġut ġewwa nkwatru u mwaħħal fiċ-Ċentru.

L-Għaqda asbet ukoll li għall dan il-jum tistieden lis-Sinjura Fenech Adami biex iżżur iċ-Ċentru tagħna u tiltaqa' mal-Kumitat, mal-membri tal–program '*Reach*' u mal-familji u t-tfal li qed jieħdu parti fil-program.

Is-sena 2006 kienet sena speċjali għall-Għaqda billi ċċelebrajna l-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Assoċjazzjoni. B'ħidma u b'ħeġġa kbira l-Għaqda organizzat żewġ konferenzi waħda f'Għawdex u oħra f'Malta. Iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess. Din kienet l-ewwel darba li l-Assoċjazzjoni tagħna organizzat konferenza f'Għawdex u indirizzata għal ħutna Għawdxin.

Fil -21 ta Mejju 2006 ġiet organizzata ħarġa ta' ġurnata, li kienet tikkonsisti f'quddiesa fil-knisja ta' Selmun. Wara saret ikla buffet fir-Ramla Bay Hotel Complex. Bħas-soltu Mrs Peel ma naqsitx li torganizza tombla, waqt lit-tfa, u anke l-kbar, kellhom l-opportunità li jużaw is-swimming pools fuq barra tal-kumpless, sakemm sar il-ħin għat-te. Bħas-soltu l-persuni li għandhom Down syndrome kienu ħallsu Lm1 biss.

Lotterija oħra li l-Għaqda kellha ntrojtu minnha kienet il-lotterija organizzata b'risq il-Lions Club ta' Malta li kienet telgħet fis-16 ta' Ġunju. L-Għaqda ġiet magħżula biex tipparteċipa fil-bejgħ tal-biljetti tal-lotterija. Grazzi għall-parteċipazzjoni tal-membri fil-lotterija, mill-bejgħ tal-biljetti l-Għaqda ġiet mogħtija Lm 1.60 minn kull pakket ta' Lm2 li nbiegħ.

Fil-20 ta' Lulju għall-attività tas-sajf ġiet organizzata ġurnata fl-iSplash & Fun Park. Id-domanda għal din il-ħarġa dejjem tkun popolari bil-membri li jattendu jieħdu ħafna pjaċir. Il-prezzijiet normali sabiex wieħed jidħol huwa ta' Lm7 u bla ikel li jrid jinxtara mill-post. Is-sidien offrew il-post għal prezz speċjali ta' Lm8 inkluż l-ikel għall-membri. Tfal membri/ persuni li għandhom Down Syndrome ġew issussidjati mill-Għaqda u l-prezz kien ta' Lm3.50.

Is-sidien ta' l-iSplash & Fun Park stiednu membri tal-Għaqda persuni li għandhom Down Syndrome flimkien ma ġenitur wieħed jew adult sabiex jaraw iċ-Cirklu nhar it-8 ta' Diċembru mingħajr ħlas.

Il-party tal-Milied sar it-Topaz Hotel Buġibba fis-17 ta' Diċembru 2006 fejn bħas soltu tqassmu r-rigali tal-Milied lill-membri. Meta wieħed jattendi din l-attività forsi ma jaħsibx kemm tinvolvi xogħol għall-organizzazzjoni tal-party. Bħas-soltu r-rigali nxtraw mill-ġenituri stess. Din is-sistema tassigura li t-tfal jieħdu rigal li verament jieħdu gost bih. Lil dawk il-ġenituri li wrew l-irċevuta tar-rigal, l-Għaqda tathom ħames liri lura bħala sussidju.

Din is-sena wkoll, biex evitajna problemi fuq l-ikel, servejna platti ta' l-ikel lil kull persuna, mhux finger foods. Il-persuni li għandhom Down syndrome ġew issussidjati mill-Għaqda u ħallsu biss Lm1.

Attività oħra f'dawn iż-żminijiet tal-Milied kienet id-disco għat-tfal li sar fid-Deporres Hall tas-Sliema fid-29 ta' Diċembru 2006. Barra d-disco kien hemm ukoll riċeviment żgħir.

Wieħed forsi jgħid li l-lotterija l-kbira hija l-unika attività bl-iskop ewlieni ta' ġbir ta' flus biex l-Għaqda tkompli tissussidja s-servizzi tagħha u torganizza l-attivitajiet soċjali fosthom il-party u d-disco tal-Milied. Biex isiru dawn l-attivitajiet, is-servizzi u biex joħroġ il-magazin, l-Għaqda jkollha bżonn ferm iżjed fondi għax l-ispejjeż huma kbar u dejjem jiżdiedu minn sena għal oħra. Dawn il-flus jinġabru minn donazzjonijiet u mil-lotterija li nagħmlu kull sena. Għalkemm stampajna 400 pakketti b'10,000 biljett grazzi għal Michael Attard Ltd li sponsorjaw l-istampar tal-biljetti, tqassmu 353 il-pakket ta' biljetti. Minn dawn il-pakketti nbiegħu 134 pakkett. Għal darb'oħra, ammont kbir ta' biljetti ma ġewx mibjugħa - 219 il-pakkett. L-introjtu wara l-ispejjeż kien ta' Lm367.68. Donazzjonijiet li l-Għaqda irċeviet permezz tal-lotterija kienu ta' Lm56.50.

Fl-24 ta' Novembru saret laqgħa għall-membri ma' uffiċjal tan-National Euro Changeover Committee. Dan il-kumitat talab lill-Għaqda biex inlaqqgħuhom mal-membri biex jiġu nfurmati dwar kif l-introduzzjoni tal-ewro ser taffettwa lilna u lil uliedna u wkoll dwar kif nistgħu ngħinu biex niffaċilitaw l-introduzzjoni ta' l-ewro. Din kienet laqgħa nteressanti u importanti għall-futur tagħna u ta' wliedna u mezz għal min attenda biex inkunu f'pożizzjoni biex ngħallmu, ngħinu u nfehmu lil uliedna dwar dan it-tibdil.

Fit-23 ta' Ġunju 2006 kien hemm laqgħa tal-Kumitat mal-President ta' Malta fil-Palazz il-Belt.

Barra minn dawn l-attivitajiet, wieħed ma jridx jinsa l-Quddies ta' kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fiċ-Ċentru, fejn wara wieħed ikun jista' jieħu l-kafe u pastizzi u jilgħab it-tombla.

## Il-25 anniversarju

F'għeluq il-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda tagħna ġew organizzati żewġ konferenzi biex titqajjem kuxjenza dwar il-kundizzjoni u dwar il-ħtiġijiet tal-persuni li għandhom Down Syndrome.



L-ewwel konferenza saret il-Ħadd 1 t'Ottubru 2006 fis-sala ta' Tiġrija Palazz, fir-Rabat Għawdex. Is-suġġett magħżul kien – 'Għandi d-Down syndrome – x'nistenna mill-Ħajja'. Wara l-indirizz miċ-Chairperson ta' l-Għaqda s-Sinjura Marthese Mugliette, L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof M. Grech, Isqof t'Għawdex fetaħ id-diskors billi tkellem dwar 'Il-Knisja u l-Persuni li għandhom id-Down syndrome'. Il-kelliema ewlenija kienu t-tabib V. Mercieca li tkellem dwar is-saħħa, il-Kav. F. Gatt li tkellem dwar L-Edukazzjoni, filwaqt li s-Sinjura R. Gatt tkellmet dwar is-servizzi mogħtija mill-Fondazzjoni Eden f'Għawdex. Id-diskors ta' l-Għeluq sar mill-Onor. Ministru Ġiovanna Debono, Ministru għal Għawdex. Il-Konferenza tmexxiet mis-Sur Joe Borg Bonello.

It-tieni Konferenza bit-tema 'Tagħlim tul il-Ħajja għall-persuni li għandhom id-Down Syndrome' saret is-Sibt 28 t'Ottubru, 2006 f'Le Meridien Phoenica, Floriana. Wara l-indirizz miċ-Chairperson tal-Għaqda sar id-diskors tal-ftuħ mill-Onor. Ministru Dolores Cristina. Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali. Il-panel tal-kelliema kienu s-Sur George Borg, Ko-ordinatur Special and Inclusive Education Network, li tkellem dwar 'Edukazzjoni għal Kulħadd', il-Prof. Mark Borg, Professur tal-Psikoloġija fl-Edukazzjoni li tkellem fuq survey li huwa għamel dwar 'L-Opinjoni u l-Aspirazzjoni tal-Ġenituri' u s-Sinjura Rita Micallef mgħejjuna mis-Sur Joe Agius, t-tnejn Speech Language Pathologists taw preżentazzjoni dwar 'L-Irwol ta' l-iSpeech language Pathologists ma' Persuni li għandhom Down syndrome'. Għal darba oħra l-Kumitat involva membri ta' l-Għaqda, persuni li għandhom Down syndrome, fil-Konferenza li taħt it-tmexxija tas-Sinjura Rita Micallef kien hemm interventi personali ta' ħames adulti membri tagħna.

Il-kelliema barranija li ġiet mill-Irlanda, is-Sinjorina H. Keogh, Ko-ordinatriċi Nazzjonali tal-'Vocational Training Opportunities Scheme' fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u Xjenza fl-Irlanda tkellmet fuq 'Quality in lifelong learning: The Role of the State'

L-Onor. Marie Louise Coleiro Preca M.P, kelliema ewlenija għas-Solidarjetà Soċjali tal-Partit Laburista, indirizzat il-konferenza. Id-diskors ta' l-għeluq sar mis-sur Frans Borg, Segretarju Permanenti fil-Ministerju ta' l-Edukazzjoni għax l-Onor. Dr. Louis Galea kien indispost. Din il-konferenza tmexxiet mis-Sur John Peel.

Fil-11 ta' Novembru 2006 l-Għaqda organizzat attività oħra b'tifkira tal-25 anniversarju mit-twaqqif tagħha billi ħadet sehem fil-kampanja 34U. Ħames siġar taż-żebbuġ, waħda għal kull ħames snin li kienet ila mwaqqfa l-Għaqda, tħawwlu mit-tliet persuni, jew rappreżentanti tagħhom, li kienu jokkupaw il-postijiet ta' Chairmen tal-Għaqda, miċ-Chairperson preżenti u minn membru li għadu attiv fil-Kumitat u li kien wieħed mill-fundaturi.

## Servizzi ta' l-Għaqda

Is-servizzi fiċ-ċentru baqgħu - il-Fiżjoterapija u l-ispeech therapy. L-ispeech therapy isir kull ħmistax fiċ-Ċentru nhar ta' tnejn mill-professjonisti Rita Micallef u Joe Agius. Dawn is-sessjonijiet huma importanti ħafna fl-iżvilupp tat-tfal u huma mezz kif it-tfal jitgħallmu jkommunikaw, jaħsbu, u jieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jolqtu lilhom innfushom.

Il-fiżjoterapija, li bla dubbju ta' xejn hija importanti ħafna fl-etajiet kollha, issir kull ħmistax nhar ta' Sibt. Il-fiżjoterapista ta' l-Għaqda, Lucy Bencini, ilha mill-1989 tieħu ħsieb lill-membri tagħna u ġabret esperjenza kbira f'dan il-qasam. Il-fiżjoterapija hija importanti ħafna biex nevitaw il-problemi serji li jistgħu jbatu minnhom uliedna, bħall-artrite u problemi oħra fl-għadam u fil-muskoli. Huwa tajjeb kemm għat-trabi tat-twelid kif ukoll għat-tfal u l-adulti li għandhom Down Syndrome. Hemm bżonn li nagħmlu użu aħjar minn dawn is-servizzi għal-ġid tat-tfal tagħna. Il-ħlas għal dawn is-sessjonijieti huwa ta' Lm 2 biss kull sessjoni peress li l-Għaqda tissussidja n-nofs l-ieħor. Tfal taħt is-sena ma jħallsux.

Il-Keep-Fit classes isiru kull nhar ta' Gimgħa fl-iskola Guardian Angel taħt id-direzzjoni ta'

l-għalliema, is-Sinjorina Alison Galea. Dawn is-sessjonijiet huma miftuħa għall-membri kollha tagħna: żgħar, kbar, subien u bniet. Il-ħlas għal dawn is-sessjonijiet huwa Lm 10 għas-sena kollha li minnhom titħallas l-għalliema tal-Keep-Fit u l-iskola tal-Guardian Angel.

## Il-program *'Reach'*

L-adulti li għandhom Down syndrome qegħdin jiffaċċjaw problema fl-edukazzjoni tagħhom. Fil-preżent, wara li jispiċċaw il-Form 5 fl-iskejjel regolari, uliedna li għandhom Down syndrome u li jkunu għadhom mhumiex maturi biżżejjed u, aktar minn hekk, għad m'għandhomx dawk il-life skills meħtieġa għall-ħajja adulta, m'għandhomx fejn ikomplu jitgħallmu. Preżentament l-istat m'huwa joffri l-ebda servizz jew program li huwa mfassal għall-bżonnijiet tal-adulti li għandhom Down syndrome biex ilaħħaqhom għall-iżvilupp sħiħ tagħhom qabel ma jibdew jiġu ppreparati għad-dinja tax-xogħol. Quddiem dan in-nuqqas ta' servizzi offruti, l-Assoċjazzjoni Down Syndrome, b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Eden bdiet program pilota ta' sentejn bħala tranżizzjoni mis-sekondarja għat-taħriġ fl-impjieg. Dan qiegħed isir ma' numru żgħir ta' membri tagħna fiċ-Ċentru hawn il-Belt. Bħal issa n-numru huwa ta' sitta. Dan il-program qiegħed jiġi ffinanzjat mill-ġenituri ta' min qiegġed jibbenifika minn dan is-servizz. Għal dan il-għan l-Assoċjazzjoni applikat u ġiet aċċettata biex tibbenifika mill-fondi li nġabru għall-istrina fl-edizzjoni tal-Milied 2006. Nistennew li l-flus mwegħda lill-Assoċjazzjoni jidħlu għal ħabta t' Ottubru 2007.

## *Premises*

Il -ħolma tal-Kumitat hija li barra li jkollna Ċentru tagħna, dan jiġi wkoll irranġat kemm jista' jkun malajr biex inkunu f'pożizzjoni li noffru aktar servizzi u jkun aktar akkoljenti.

Din is-sena komplejna b'dan ix-xogħol grazzi għall-Kumpanija Krea (Malta) li pprovditilna kċina ġdida b'cooker ġdid fitted u għall-Kumpanija Satariano li pprovdew il-madum tal-kmamar tal-banju, sett għall-kamra tal-banju u għal-ispare toilet. Ix-xogħol fil-kamra tal-banju huwa lest filwaqt li fl-ispare toilet, għalkemm jista' jintuża, baqa' ħafna xi jsir. L-akbar biċċa xogħol li baqalna ssir hija t-tibdil tal-katusi tan-naħa ta' wara. Grazzi lill-isponsors, grazzi għall-ħaddiema tal-Gvern li għamlu x-xogħol, għall-pulizija li bagħtu xi kadetti biex jiżbgħu u jarmu l-imbarraz u grazzi lil Pio Fenech u Charles Vassallo, membri tal-Kumitat, li kkoordinaw ix-xogħol.

Il-Kumitat qed jaħseb li jbiddel l-imwejjed tqal u malandati li l-Għaqda għandha, billi jinxtraw xi ftit imwejjed li jkunu jistgħu jintużaw għal ħafna okkażżjonijiet u użu varji, imma fl-istess ħin li jkunu ħfief biżżejjed li kulħadd ikun jista' jġorrhom mingħajr diffikultà. Għal dan il-għan il-Kumitat qed jipprova jsib sponsor.

## Magazine

Il-magazin taħt id-direzzjoni ta' John Peel u Alister Cachia bħala editur u l-bord editorjali tkompla b'determinazzjoni kbira. Nixtieq infakkar fil-bżonn kbir li jeżisti biex nirċievu xi esperjenzi, ritratti u/jew xi artikli sabiex jiġu ppubblikati fil-magazin. Jekk ikollkom bżonn ta' xi għajnuna, il-membri tal-Kumitat ikunu lesti jgħinukom b'xi kitba u/jew intervista, jekk hemm bżonn fid-dar tagħkom stess.

Il-magazin jiġi ppubblikat b'diffikulta kbira darbtejn fis-sena u għal kull ħarġa nistampaw 1500 kopja li jiġu jiswewlna Lm420 barra Lm124 għall-posta. 50 fil-mija tan-nefqa għall-posta tingħata lura mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita wara applikazzjoni. Il-flus biex jitħallas dan il-magazin iridu jiġu mill-ġbir ta' fondi, għax reklami, biex intaffu l-ispejjeż tiegħu m'għadniex insibu. Il-gvern jagħti biss sa Lm300 għall-proġetti żgħar. Dawn il-flus, li l-Għaqda tapplika għalihom kull sena, imoru biex titħallas parti mill-ispiża tal-magazin u l-ispejjeż amministrativi.

## Laqgħat

Iċ-Chairperson ħadet sehem f'dawn il-laqgħat, seminars



**Mejju 2006** – Meeting mal–Eden Foundation biex nesploraw xi forma ta' kollaborazzjoni ma xulxin fil-kamp tal-persuni li għandhom Down syndrome. Diskuss il-problemi fl-edukazzjoni tat-tfal ta' sittax- il sena fil-kamp edukattiv.

**23 ta' Ġunju 2006** – taħdita fil-Guardian Angel School fejn tkellmet Anna Cantardi fuq 'Becoming an Adult'. L-attività ġiet mtellgħa mill-Equal Partners Foundation bil-kollaborazzjoni ta' l-Għaqda tagħna.

**26 ta' Ġunju 2006** - laqgħa fl-MCAST fuq il-problemi tat-tfal li għandhom Down syndrome wara li jgħalqu sittax-il sena u jispiċċaw mill-iskola.

**11 ta' Lulju 2006** - laqgħa mal-Eden Foundation fiċ-Centru biex jigi diskuss il-program REACH.

Wara saret laqgħa oħra mal-KNPD, mal-ETC, u mal-Inclusive Education Unit biex tigi diskussa għajnuna għall-program REACH.

**2 ta' Settembru 2006** – konferenza fuq 'Self Advocacy' fejn iċ-Chairperson ippreċentat il-veduta tal-Għaqda fuq il-materja.

**6 ta' Decembru 2006** - konferenza 'Persuni b'Diżabilita, Lejn Indipendenza Ekonomika' mtella' mill-General Workers Union.

**6 ta' Diċembru 2006** - diskussjoni mtella' mill-iSpecial and Inclusive Education Network bit-tema *'Access to Communication and Technology'*.

**18 ta' Diċembru 2006** – Ħadet sehem f'preżentazzjoni tal-istudju '**Young People following Basic Skill Courses in Malta** – imtella' mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni għall- Adulti.

**18 ta' Diċembru 2006** – laqgħa mal-Onor. Dr. L. Galea, Ministru tal-Edukazzjoni akkompanjata mill-Viċi Chairman u l-PRO biex jiddiskutu l-edukazzjoni wara s-sittax-il sena.

**13–14 ta' Jannar 2007** – 'Effective Early Intervention & Inclusive Primary Education' għat-tfal li għandhom Down syndrome. Il-program kien imtellgħa mill-*Equal Partners* u kien indirizzat għall-facilitators u familji ta' persuni li għandhom *Down syndrome*. Iċ-*Chairperson* iltaqgħet ma Prof. Sue Buckley, Charmaine Agius Ferrante u Dr. Elena Tanti Burlo.

**26 ta' Jannar 2007** - Konferenza Nazzjonali mtella' mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali - '*Enhancing Social Inclusion-Moving forward together*'.

## Konklużjoni

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lilkom preżenti talli ġejtu llum u lill-membri kollha tal-Kumitat u lill-helpers għall-ħidma tagħhom fi ħdan l-Għaqda. Fl-aħħarnet nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Peel għax-xogħol siewi li baqa' jwettaq fi ħdan l-Għaqda u l-għajnuna kontinwa li jagħti lill-Kumitat.

***April 2007***

***Antoine L. Gauci***
***Segretarju Generali***

## 21 ta' Marzu 2008

# Jum Dinji tad-Down Syndrome

Ser infakkru din il-ġurnata b'quddiesa offruta b'suffraġju tal-membri *Down Syndrome* u tal-familjari qrib membri tagħna li ħallew din id-dinja

Post: Kappella tad-Dar tal-Providenza, Siġġiewi

Ħin: 5.00pm

Data: 29 ta' Marzu 2008




Wherever you are in life – starting a family or starting a business, newly wed or planning for your retirement, we have the products and services that can satisfy your present and future needs.

- **The largest life insurance company in Malta**
- **The largest provider of With Profits investments in Malta**
- **Issued and paid-up share capital – Lm15 million/€34.94 million**
- **Annual business written – over Lm50 million/€116 million**
- **Total assets – over Lm300 million/€699 million**
- **Life fund – over Lm267 million/€622 million**
- **Total Number of Policies in force – over 77,000**
- **Total Number of Customers – over 70,000**
- **Market Share – over 70%**

**Consider your own situation!**

For more information about MSV's wide range of quality life insurance, savings and investment products contact Middlesea Valletta Life or any of our authorised Tied Insurance Intermediaries or call at any BOV branch.

All figures quoted are those prevailing as at 31st December 2006.

FREEPHONE: 8007 2220

MIDDLESEA VALLETTA LIFE
*Assurance Company Limited*
*So much more to life*

Telephone Number: 2122 6411 Telefax Number: 2122 6429 Freephone Number: 8007 2220
E-Mail: info@msvlife.com Web Site: www.msvlife.com

Conversion is based on the rate of €1 = Lm0.4293. Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited is licensed by the Malta Financial Services Authority to carry on long term business under the Insurance Business Act 1998. Bank of Valletta p.l.c. is enrolled as a Tied Insurance Intermediary of Middlesea Valletta Life Assurance Company Ltd.